**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Dicembru 2024**

**Rikors Numru: 279/2012 MLF**

**Nazzareno u Therese Borg**

**vs**

**Joanne Borg**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallashom s-somma ta' €11,644 (hdax-il elf sitt mija u erbgha u erbghin ewro) rapprezentanti sehemha wara self brevi manu maghmul mill-atturi lill-konvenuta u lil zewgha.

   Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi preliminjarment, it-talba tar-rikorrenti hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.

   ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghall-integrita tal-gudizzju kellu jigi citat ukoll ir-ragel tal-konvenuta Kenneth Borg, stante illi l-partijiet ghadhom

mizzewgin u ghalhekk l-assi taghhom hu regolat mill-principji tal-komunjoni ta’ l-akwisti;

iii. Illi in oltre, u dejjem sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjoni kif kontenuta fl-avviz, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

iv. Illi l-ammont mitlub qieghed jigi kontestat stante li kien hemm dejn parafernali li kien dovut minn Kenneth Borg wild tar-rikorrenti somma flus li huwa kien issellef minghandhom, qabel iz-zwieg, ghal xiri ta’ vettura targata CAG 484, tat-tip Seat Ibiza, akkwistata minnu fl-ewwel (1) ta’ Ottubru tas-sena elf disa mija, disgha u disghin (1999);

v. Illi inoltre, jigi rilevat illi l-intimata qatt ma rat kwalunkwe flus mislufa lilha u lil zewggha, hi personalment;

vi. Illi l-iskrittura mertu tal-kaz odjern, giet iffirmata minnha taht pressjoni;

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u semghat it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri taghhom.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Il-konvenuta kienet mizzewga lil Kenneth Borg, iben l-atturi. Matul iz-zwieg taghhom, il-konvenuta u zewgha kienu akkwistaw porzjon ta’ art minghand terzi permezz ta’ kuntratt datat 20 ta’ Jannar 2004 maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, u dan versu l-prezz ta’ LM58,000. Minn dan il-kuntratt jirrizulta li mill-prezz pattwit kien fadal bilanc fis-somma ta’ LM20,000 li kellu jithallas mill-

konvenuta u zewgha fi zmien tlett xhur.[1] Il-konvenuta u zewggha kienu hadu self minghand il-Bank HSBC ghall-ammont ta’ LM15,000 li kien qieghed jigi mhallas matul iz-zwieg taghhom.

ii. Permezz ta’ skrittura datata 19 ta’ Lulju 2007, il-konvenuta u zewgha ikkostitwew ruhhom debituri tal-atturi ghas-somma ta’ LM10,000 restitwibbli lura sa hames snin bla imghax.[2] In-Nutar Sandra Bugeja xehdet li din l-iskrittura kienet giet iffirmatha quddiemha. L-ewwel kienu iffirmaw l-atturi u binhom Kenneth Borg imbaghad aktar tard kienet iffirmat ukoll il-konvenuta.[3]

iii. Il-konvenuta xehdet li wara li fis-sena 2005 kienet twieldet bintha, kien hemm xi divergenzi bejnha u zewgha u li xi zmien wara zewgha kien qalilha li kien ser jissellef is-somma ta’ LM5,000 minghand il-genituri tieghu sabiex ikun jista’ jithallas il-bilanc tas-self li kellhom mal-Bank. Spjegat li dan is-self kien inghata mill-atturi lil zewgha fit-13 ta’ Marzu 2007 u s-self mal-Bank inghalaq ftit wara. Kompliet tghid li imbaghad fid-19 ta’ Lulju 2007 kienet irceviet telefonata minghand l-attrici Therese Borg li kienet qaltilha sabiex tghid lil zewgha Kenneth imur ghand in-Nutar Mario Bugeja. Xehdet illi meta gie lura minghand in-Nutar, zewgha kien qalilha li anke hi kellha tmur ghand in-Nutar sabiex tiffirma il-kuntratt. Spjegat li meta marret ghand in-Nutar sabet li l-ammont indikat kien LM10,000. Qalet illi hija kienet irrifjutat li tiffirma stante li l-ammont tas-self kien LM5,000 u mhux LM10,000. Xehedet li sussegwentement zewgha kien spjegalha li dak l-ammont kien jikkonsisti in kwantu ghas-somma ta’ LM5,000 sabiex thallas is-self mal-Bank u in kwantu ghal LM5,000 l-ohra kienu gew mislufa lilu qabel iz-zwieg u intuzaw in parti sabiex akkwista vettura u in parti ghal finijiet tan-negozju tieghu. Xehdet li zewgha kien heddidha u sfurzaha tiffirma l-iskrittura ghall-ammont ta’ LM10,000.[4]

iv. In kontro-ezami l-konvenuta xehdet li kienu ghaddew madwar hmistax il-jum minn meta marret ghand in-Nutar l-ewwel darba ghal meta reghet marret u ffirmat l-

[1] Ara l-kuntratt immarkat Dok JB09 a *fol*. 30 tal-process
[2] Ara Dok SB1 a *fol*. 42 tal-process
[3] Ara x-xhieda tan-Nutar Sandra Bugeja a *fol*. 38 tal-process
[4] Ara l-affidavit tal-konvenuta a *fol*. 19 tal-process

iskrittura. Ikonfermat li mill-ammont tal-iskrittura hija ma hallset xejn lill-atturi, izda ikkonfermat li hija disposta thallas LM2,500 u cioe' nofs is-somma li skond il-konvenuta giet mislufa mill-atturi. Ikkonfermat ukoll li hija ma kinietx ghamlet rapport mal-Pulizija dwar l-allegat theddid sabiex tigi ffirmata l-iskrittura.[5]

v. L-attur Nazzareno Borg xehed li huwa kien silef is-somma ta' LM10,000 lil ibnu Kenneth Borg u lil konvenuta. Il-ftehim kien li ghal l-ewwel hames snin fuq is-somma mislufa ma kellux jiddekorri imghax. Spjega li ibnu u l-konvenuta ma baqghux flimkien u li ibnu beda jghaddilu hlasijiet akkont izda l-konvenuta qatt ma hallset xejn. Spjega li dawn il-flus huwa kien tahom lill-konvenuta u lil zewgha fi flus kontanti. Xehed li l-konvenuta u ibnu kienu qalulu li dawn il-flus kellhom bzonnhom sabiex jirrangaw id-dar taghhom. Qal ukoll li f'okkazjonijiet ohra kien silef flejjes lill-uliedu l-ohra u li wkoll iffirmaw skrittura ghand in-Nutar. Xehed li qabel iz-zwieg huwa ma kienx silef flejjes lil ibnu Kenneth.[6]

vi. L-attrici Therese Borg xehdet li hi u zewgha kienu selfu lil binhom Kenneth Borg u lill-konvenuta is-somma ta' LM10,000 sabiex jirrangaw id-dar taghhom. Dan is-self sar matul iz-zwieg tal-konvenuta ma' binhom. Spjegat li l-flus kienu inghataw mill-atturi lill-konvenuta u lil binhom fi flus kontanti, u li sussegwentement kienu ffirmaw skrittura quddiem in-Nutar Sandra Bugeja.[7]

vii. Kenneth Borg xehed li hu u l-konvenuta kienu sselfu s-somma ta' LM10,000 minghand l-atturi. Spjega li l-flus kienu inghataw lilhom fi flus kontanti u fil-presenza ta' huh Sandro Borg. Xehed li hutu wkoll kienu sselfu xi flejjes minghand l-atturi u ghalhekk kienu ddecidew li jmorru ghand in-Nutar u jiffirmaw dokument kull wiehed li jikkonferma dan is-self. Xehed li l-iskrittura datata 19 ta' Lulju 2007 giet iffirmata madwar sentejn wara li kien inghata s-self minghand l-atturi u li meta marru ghand in-Nutar il-konvenuta kienet impenjata u ghalhekk kienu ftehmu li l-konvenuta kellha tmur f'gurnata ohra, kif effettivament ghamlet. Spjega li l-iskop ghas-self kien sabiex jakkwsitaw minghand iz-ziju tal-konvenuta kamra li sussegwentement giet mniddfa mad-dar fejn hu u l-konvenuta kienu jirrisjedu dak

[5] Ara l-kontro-ezami tal-konvenuta a *fol*. 61 u *fol*. 141 tal-process
[6] Ara x-xhieda tal-attur a *fol*. 44 tal-process
[7] Ara x-xhieda tal-attrici a *fol*. 80 tal-process

iz-zmien, liema dar hija propjeta' parafernali tal-konvenuta. Xehed li ghalkemm hu u l-konvenuta kienu hallsu ghal din il-kamra, effettivament sar kuntratt ta' donazzjoni bejn il-konvenuta u z-ziju taghha. Spjega li l-bilanc li kien ghadu dovut lill-Bank HSBC kien thallas b'somma li hu u l-konvenuta kienu sselfu minghand Leo Grixti li huwa hu l-konvenuta, u mhux bis-somma mislufa lilhom mill-atturi.[8]

viii. Sandro Borg, iben l-atturi, xehed li l-genituri tieghu kienu selfu lil huh Kenneth u lil konvenuta is-somma ta' LM10,000. Dawn il-flus kienu inghataw lilhom fi flus kontanti u fil-presenza tieghu wara li kien ghoddhom huwa stess. Spjega li hu u hutu l-ohra wkoll kienu sselfu xi flejjes minghand il-genituri taghhom u ghalhekk kienu ftehmu li jmorru ghand in-Nutar Sandra Bugeja u jiffirmaw skrittura li tikkonferma l-ammont ta' dan is-self. [9]

ix. Fid-19 ta' Lulju 2012 l-atturi kienu intavolaw ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A fil-konfront ta' Kenneth Borg u l-konvenuta, liema ittra iggib in-numru 140 tas-sena 2012.[10] Dr Yvette Borg, Assistent Registratur Qrati u Tribunali Civili, xehdet li fl-atti ta' din l-ittra ufficjali ma giet ipprezentata ebda risposta jew nota.[11] Fil-31 ta' Lulju 2012 l-konvenuta kienet intavolat ittra ufficjali fil-konfront tal-atturi li permezz taghhha irrespingiet parti mill-pretensjoni tal-atturi, liema ittra iggib in-numru 2384 tas-sena 2012.[12] L-ittra ufficjali intavolata mill-atturi fil-konfront tal-konventa u Kenneth Borg giet reza ezekuttiva fit-8 ta' Novembru 2016.[13]

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallashom s-somma ta' €11,644 rapprezentanti sehemha minn self brevi manu allegatament maghmul lilha u lil zewgha.

---

[8] Ara x-xhieda ta' Kenenth Borg a *fol.* 98 u l-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tieghu a *fol.* 120 tal-process
[9] Ara x-xhieda ta' Sandro Borg a *fol.* 118 tal-process
[10] Ara l-ittra ufficjali 140/12 intavolata mill-atturi a *fol.* 12 tal-process
[11] Ara x-xhieda ta' Dr Yvette Borg a *fol.* 75 tal-process
[12] Ara l-ittra ufficjali 2384/12 intavolata mill-konvenuta a *fol.* 95 tal-process.
[13] Ara l-ittra ufficjali 140/12 intavolata mill-atturi wara li giet reza ezekuttiva a *fol.* 134 tal-process

8. Il-konvenuta laqghet ghat-talba tal-atturi billi fl-ewwel lok eccepiet li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili, li l-gudizzju mhuwiex wiehed integru peress li kellu jigi mharrek ukoll zewgha Kenneth Borg, u fil-mertu eccepiet li l-ammont mitlub mill-atturi jinkludi dejn parafernali ta' zewgha, li hija qatt ma rat il-flus mislufa u li hi kienet iffirmat l-iskrittura mertu tal-kaz taht pressjoni.

*L-Ewwel Eccezzjoni – Preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili*

9. Il-Qorti tirrileva li fis-seduta mizmuma nhar it-22 ta' April 2013 il-konvenuta kienet irtirat din l-ewwel eccezzjoni taghha.[14] Madankollu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ressqet diversi sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni.

10. Fis-sentenza **Fogg Insurance Agencies Limited vs Raymond Azzopardi**, deciza fil-25 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[15] irriteniet hekk:

*"Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezzjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx. (Ara Kollez. Vol. XXXV p1 p410 u Vol XXXVIII pII p583).*

*… …*

*Kif drabi ohra rilevat "la buona fede bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, tal-ekonomija taz-zmien u l-ispejjes ghal partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li jsir hekk" (Kollez. Vol. XLIX p1 p138). Anzi gie senjalat il-principju illi l-Imhallef civili, u dan ghandu ighodd ukoll ghal Gudikatur, ghandu fl-ghoti tas-sentenza f'kawza joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (Vol XLIX pI p406)."*

[14] Ara l-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 2013 a *fol*. 15 tal-process
[15] *Per* Imhallef Philip Sciberras

11. Din il-Qorti tikkondividi fis-shih dan l-insenjament. Ma ghandux ikun permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta din tkun thalliet ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difensjonali li ma kienitx tifforma parti mill-kontestazzjoni bejn il-partijiet, partikolarment meta din l-istess eccezzjoni l-ewwel inghatat fir-risposta u sussegwentement kienet espressament irtirata mill-istess kontro-parti. Certament li dan l-agir ma jinkwadrax fil-principju tal-*buona fede* bejn il-partijiet imsemmi fis-sentenza citata. Huwa minnu li l-artikolu 2112 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell. Madankollu dan ma jfissirx li ghandhom jigu mwarrba r-regoli procedurali. F'dan il-kaz il-konvenuta ma talbitx l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex terga tressaq mill-gdid din l-eccezzjoni li hi stess kienet iritrat.

12. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li din giet irtirata mill-konvenuta fis-seduta tat-22 ta' April 2013.

<u>*It-Tieni Eccezzjoni – Nuqqas ta' Integrita' tal-Gudizzju*</u>

13. Permezz ta' din it-tieni eccezzjoni, il-konvenuta tikkontendi li l-gudizzju mhux integru ghaliex zewgha Kenneth Borg ma giex imharrek f'dawn il-proceduri flimkien maghha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta tispjega li stante li l-allegat self sar lilha u kif ukoll lil zewgha Kenneth Borg, li jigi iben l-atturi, dan kellu jitharrek ukoll bhala konvenut.

14. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita tal-gudizzju hija mibnija fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: (i) sabiex f'kawza jiehdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwestjoni; (ii) sabiex jigi assikurat li l-gudizzju jkun wiehed effikaci; u (iii) sabiex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-htiega li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha.

15. F'dan il-kaz l-azzjoni attrici hija mibnija fuq allegat self ghas-somma ta' LM10,000 moghti lill-konvenuta u lil binhom Kenneth Borg matul iz-zwieg taghhom. Mill-atti

processwali jirrizulta li qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri, l-atturi kienu pprocedew permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili kemm fil-konfront tal-konvenuta u anke fil-konfront ta' binhom Kenneth Borg ghall-ammont shih ta' LM10,000. L-atturi xehedu li sussegwentement binhom beda jeffetwa numru ta' pagamenti mentri l-konvenuta qatt ma hallset xejn, u kien ghalhekk li huma iddecidew li jintavolaw il-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuta biss u limitatament ghall-ammont ta' LM5,000.

16. Ghalhekk l-azzjoni proposta mill-atturi hija diretta lejn il-hlas lura ta' nofs is-somma allegatament mislufa lill-konvenuta u lil zewgha. Ghalkemm l-ezitu ta' din il-kawza jista' jkollu effett fuq il-beni tal-komunjoni bejn il-konvenuta u zewgha, li mill-atti jidher li kienu ghaddejin bi proceduri ta' separazzjoni personali, il-Qorti tqis li ma hemmx il-htiega li Kenneth Borg ikun parti fil-proceduri odjerni. Mill-atti jirrizulta li Kenneth Borg, bix-xhieda tieghu stess moghtija f'dawn il-proceduri, irrikonoxxa is-self mertu tal-kawza u ma ikkontestahx. In oltre jirrizulta li dwar dan is-self l-atturi diga akkwistaw titolu ezekuttiv fil-konfront ta' Kenneth Borg wara li l-ittra ufficjali intavolata minnhom, fil-mori ta' dawn il-proceduri giet reza ezekuttiva ai termini tal-artikolu 166B tal-Kodici ta' Procedura Civili, u ghalhekk ma hemmx il-htiega li l-atturi jintavolaw proceduri ohra fil-konfront tieghu. B'hekk il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju ser jigi rispettat.

17. Ma dan il-Qorti tosserva li minkejja din l-eccezzjoni taghha l-konvenuta ma ghamlet ebda talba ghas-sejha fil-kawza ta' zewgha. Huwa minnu li l-Qorti ghandha s-setgha bis-sahha tal-artikolu 961 tal-Kodici ta' Procedura Civili illi tordna s-sejha fil-kawza minghajr il-htiega li ssirilha talba bhal dik mill-partijiet. Madankollu, wara li qieset illi din il-kawza ilha pendenti ghal diversi snin u li matul dan il-perjodu il-konvenuta ma ghamlet ebda talba f'dan is-sens, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma huwiex fl-ahjar interess tal-gustizzja illi ssir sejha fil-kawza f'dan l-istadju. Il-konvenuta kellha kull opportunita' biex taghmel talba bhal dik f'waqt xieraq tal-proceduri.

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qeghda tigi michuda.

*Il-Mertu*

19. L-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuta thallashom is-somma ta' €11,644 allegatament rapprezentanti sehem il-konvenuta minn somma akbar mislufa lill-konvenuta u lil zewgha Kenneth Borg.

20. Ghalkemm permezz tat-tielet eccezzjoni fir-risposta taghha l-konvenuta eccepiet illi l-pretensjoni tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, fil-mori ta' dawn il-proceduri l-konvenuta xehdet li hi ma kenitx qeghda tikkontesta l-fatt li flimkien ma zewgha kienet isselfet il-flus minghand l-atturi. Il-kontestazzjoni taghha hija diretta lejn is-somma allegatament mislufa ghaliex filwaqt li l-atturi jikkontendu li s-somma originarjament kienet ta' LM10,000, il-konvenuta tikkontendi li s-self moghti matul iz-zwieg kien biss ta' LM5,000 u tikkoncedi li hija ghandha thallas nofs dan l-ammont. F'dan ir-rigward il-konvenuta xehdet hekk: *"Jiena ghalija sehmi huwa nofs il-5000 li thallsu fuq l-art."*[16]

21. In sostenn tal-pretensjoni taghhom l-atturi esebew skrittura datata 19 ta' Lulju 2007 iffirmata quddiem in-Nutar Sandra Bugeja li permezz taghha l-konvenuta u zewgha kienu ikkostitwew ruhhom veru certi likwidi debituri tal-atturi ghas-somma ta' LM10,000. Il-konvenuta mhux qeghda tikkontesta l-fatt li hi ffirmat din l-iskrittura, izda permezz tas-sitt eccezzjoni taghha eccepiet li dan ghamlitu taht pressjoni. Fi kliem iehor, il-konvenuta qeghda tallega li l-kunses taghha moghti fuq l-istkrittura *de quo* kien vizzjat mill-vjolenza.

22. L-artikolu 974 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

> *"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa."*

23. Imbaghad l-artikolu 977 ikompli jipprovdi li:

---

[16] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-konvenuta a *fol*. 149

*"Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni hija motiv ta' nullità, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun giet maghmula minn wiehed iehor li ma jkunx dak li favur tieghu tkun saret l-obbligazzjoni."*

24. Rilevanti wkoll huma l-provvedimenti tal-artikolu 978 tal-istess Kodici u cioe' li:

*"Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira."*

25. Is-subartikolu 2 tal-artikolu 978 jippreciza li:

*"F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

26. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella** deciza fid-19 ta' Novembru 2001, l-Qorti tal-Appell spjegat illi:

*"... ... l-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonjiet bejn il-kontraenti kellu jigi prezunt illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta' kontrattwali taghhom. Min, bhall-appellanti, jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konkluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu."*

27. Il-gurisprudenza tiddistingwi bejn il-vjolenza morali li tohloq il-biza', u l-vjolenza fizika u cioe' li fizikament igieghel persuna biex tiffirma. Il-vjolenza morali huwa vizzju tal-kunsens u ghalhekk jista' jwassal ghall-annullabbilta' tal-kuntratt. Il-vjolenza fizika hija indikattiva tan-nuqqas tar-rieda u ghalhekk f'tali cirkostanzi jigi nieqes wiehed mill-elementi essenzjali tal-kuntratt li jikkawza n-nullita'. Biex tkun legalment rilevanti l-vjolenza morali jew psikologika trid tikkonsisti f'theddid serju u ingust. Fi kliem iehor, mhux kwlaunkwe theddida jew pressjoni tista' twassal ghall-annullabilita' tal-kuntratt, imma biss dawk li kkunsidrati l-kriterji indikati fl-artikolu 978 tal-Kodici Civili, jistghu joholqu biza'.

28. Fis-sentenza fl-ismijiet **Calcedonia Pace vs Patrick Pace** deciza fit-13 ta' Lulju 2020, l-Qorti tal-Appell spjegat illi:

*"Tali vjolenza trid tohrog mit-theddida ta' haddiehor ('metus ab extrinseco'), imqar jekk ma jkunx il-parti l-ohra kontraenti u trid tintwera li tkun ic-cirkostanza determinanti li tkun wasslet lil persuna biex, minkejja r-rieda taghha, tersaq ghall-kuntratt ('metus causam dans') u qabel ma jkun sar dak ilkuntratt;*

*19. Illi xieraq jinghad ukoll li biex il-vjolenza thassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawza determinanti li tkun gieghlet lill-parti li tidher ghall-kuntratt, (b) il-frott tal-hidma tal-persuna li ezercitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (c) li l-kunsens hekk mehud ikun ir-rizultat tal-vjolenza hekk ezercitata u mhux ir-rizultat accidentali ta' ghemil mahsub biex jinkiseb rizultat iehor. Ghalhekk, biex il-vjolenza tkun bizzejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, ingusta b'mod li tqanqal f'persuna ragonevoli bizgha li tesponi lilha jew lil xi qarib taghha ghal hsara fil-gid jew fil-persuna taghha. Huwa mizmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif tehles mill-vjolenza ezercitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha;"*

29. F'dan il-kaz, il-konvenuta xehdet li zewgha kien heddida tiffirma din l-iskrittura. Fl-affidavit taghha qalet li matul iz-zwieg kien hemm episjodi ta' vjolenza fizika, u in kontro-ezami spjegat c-cirkostanzi li wassluha sabiex tmur tiffirma din l-iskrittura u pprecizat li *"... ... jiena malli kont nitkellem id-dar, iwaddabli l-mug tat-te, jigifieri jsir tkissir id-dar, ma' kellix triq ohra hlief immur niffirma ... Le, bghatni, qalli: "Qis li tmur, qis li ma' taqlalix inkwiet ma' tal-familja ... ... U jien mort u ffirmajt."*[17] Fl-ebda hin tax-xhieda taghha l-konvenuta ma qalet li zewgha kien vjolenti fizikament biex igieghla tiffirma din l-iskrittura partikolari, izda kif fehmet din il-Qorti, l-allegazzjoni ta' vjolenza da parti tal-konvenuta hija diretta b'mod generali lejn l-imgieba ta' zewgha matul iz-zwieg. Minn dan il-Qorti tikkonkludi li dak li effettivament qed tecepixxi l-konvenuta huwa li l-kunsens taghha kien vizzjat minn vjolenza morali u mhux vjolenza fizika.

[17] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-konvenuta a *fol*. 143 tal-process

30. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova din l-allegazzjoni taghha sal-grad rikjest mil-ligi. Il-verzjoni tal-konvenuta wahidha, tenut kont tal-fatt li l-istess konvenuta ammettiet li hija ma kienetx irraportat dan l-allegat agir ta' zewgha mal-Pulizija Ezekuttiva u tal-fatt li din il-verzjoni ma hijiex sopportata minn provi ohra, ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti bhala prova univoka u konklussiva tal-vjolenza morali allegata mill-konvenuta. In oltre, il-Qorti qieset ukoll li l-konvenuta naqset milli tipprova li ma kellhiex mod kif tehles mill-vjolenza allegatament ezercitata fuqha. Minkejja li jirrizulta li l-konvenuta kienet marret wahedha ghand in-Nutar Bugeja sabiex tiffirma din l-iskrittura, lanqas ma jirrizulta li hija esternat din l-allegata biza' mal-istess Nutar.

31. Ghal dawn ir-ragunijiet, anke is-sitt eccezzjoni tal-konvenuta ser tigi michuda.

32. Jifdal issa li jigu trattati l-punti sollevati mill-konvenuta fir-raba' u l-hames eccezzjonijiet taghha u cioe' li parti mis-somma pretiza mill-atturi kienet tirrigwarda self li huma taw lil binhom Kenneth Borg qabel iz-zwieg u li hi personalment qatt ma' rat il-flus mislufa lilha u lil zewgha.

33. In vista ta' dak appena deciz dwar is-sitt eccezzjoni tal-konvenuta, il-Qorti tqis li ftit li xejn ghandha tiddilunga dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet. Ghal fini ta' kompletezza pero' il-Qorti tirrileva li l-atturi u wliedhom Kenneth Borg u Sandro Borg, lkoll xehedu li s-self fl-ammont ta' Lm10,000 inghata fi flus kontanti direttament lill-konvenuta u lil zewgha matul iz-zwieg. Sandro Borg xehed li dan is-self kien inghata lill-konvenuta u lil huh Kenneth Borg fi flus kontanti u fil-presenza tieghu wara li huwa stess kien ghodd dawn il-flus. L-istess Kenneth Borg u l-atturi fix-xhieda taghhom ikkonfermaw dawn il-fatti. Wara li fliet il-verzjonijiet ta' dawn ix-xhieda, il-Qorti tqis li din il-verzjoni hija wahda kredibbli u verosimili u ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiskartaha.

**Konkluzjoni**

34. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta stante li din giet iritirata;

2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta;

3. Tilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u erbgha u erbghin Euro (€11,644), bl-imghax mis-26 ta' Lulju 2012, data tan-notifika tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv .

4. Tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**